

Brussell, 18 ta' Lulju 2022
(OR. en)

11467/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0119(BUD)

BUDGET 16

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Suġġett: Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2 għall-baġit ġenerali għall-2022: Dħul tas-surplus tas-sena finanzjarja 2021: Pożizzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2022

I. INTRODUZZJONI

Fit-12 ta' April 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) Nru 2 għall-baġit ġenerali għall-2022 dwar l-ibbaġitjar tas-surplus li jirriżulta mill-implimentazzjoni tas-sena baġitarja 2021.

L-implimentazzjoni tas-sena baġitarja 2021 turi *surplus* ta' EUR 3 227.06 miljun li jirriżulta minn:

(a) eżitu pożittiv *fil-parti tad-dħul tal-baġit* (+EUR 2 574.76 miljun), li minnhom:

- Titolu 1 (Riżorsi proprji): +EUR 1,638.78 miljun
- Titolu 2 (Surpluses, bilanċi u aġġustamenti): +EUR 3.42 miljun
- Titolu 3 (Dħul Amministrattiv): - EUR 143.45 miljun
- Titolu 4 (Dħul Finanzjarju, imgħax ta' inadempjenza u multi): +EUR 1,110.77 miljun
- Titolu 6 (Dħul, kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet relatati ma' politiki tal-Unjoni):- EUR 34.77 miljun

(b) sottoimplimentazzjoni fil-parti tan-nefqa tal-baġit (-EUR 652.30 miljun), b'mod partikolari ta':

- approprjazzjonijiet awtorizzati fil-baġit tal-2021 (il-Kummissjoni u istituzzjonijiet oħrajn): - EUR 198.97 miljun
- kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet riportati mill-2019 (il-Kummissjoni u istituzzjonijiet oħrajn): - EUR 327.47 miljun
- varjazzjonijiet fir-rata tal-kambju: - EUR 125.87 miljun

L-ibbaġitjar ta' dan is-surplus ser inaqas għaldaqstant il-kontribuzzjoni globali tal-Istati Membri għall-finanzjament tal-baġit tal-UE fl-2022.

II. KONKLUŻJONI

Fit-18 ta' Lulju 2022, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar l-ABE Nru 2 għall-baġit ġenerali għall-2022 kif jinsab fl-anness tekniku li jinsab fl-Addendum 1 għal dan il-memorandum ta' spjegazzjoni.